**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 08/07 - 29 t'Ottubru 2013**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji: Skeda ta' Pagamenti
4. Tenders:-
   i) Aġġudikar
   ii) Sejħa għall-offerta għal Tenders
5. Five Aside Ground
6. Anzjan Tarxiniż 2013
7. proposti t' Attivitajiet għal Żmien il-Milied
8. Rapport mil-Kunsillieri
9. Ħwejjeġ Oħra
10. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 07/07 tal-Erbgħa 2 t'Ottubru 2013 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku qara l-ittra li ntbgħatet liċ-Chairman tal-MTA dwar ftehim sabiex l-Information Kiosk ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi titmexxa mill-MTA. ERDF – Proposta ta' Agreement mal-MTA

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-każ tas-Sur Vincent Schembri, is-Seg. Eżek. kiteb ittra liċ-Chairman tad-Dipt. tal-Artijiet forsi lis-Sur Vincent Schembri tiġi allokata lilu biċċa art oħra minflokk il-biċċa in kwistjoni. Vince Schembri

iii Rigward il-ground 5 aside, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jerġgħu jintalbu kwotazzjonijiet għax-xibka peress li l-aħħar kwotazzjoni li għandna issa ilha ftit. 5 aside Ground

iii.i Is-Sindku kompla jgħid li sadanittant il-Perit ppreżenta lill-Kunsill ir-rapport mitlub lilu mill-Assikurazzjoni.

iv Rigward il-Bereġ, is-Sindku qal li għalissa sar it-tindif biss iktar 'l quddiem imbagħad isir it-tibjid u dak li hemm bżonn għall-ameljorament tagħha. Berġa

iv.i Is-Sindku qal ukoll li avviċinawh xi ġenituri li wliedhom qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iSpeech Therapy fil-berġa, forsi dan is-servizz jibda jingħata fiċ-Ċentru Komunitarju. Dan peress li kultant il-ħin tal-berġa u tal-iSpeech therapy qed ikun l-istess.

Ġie ssuġġerit li huwa fl-obbligu tal-Health Department li jikkordinaw l-ħinijiet.

Il-Kunsill qabel li l-użu taċ-Ċentru ma jkunx addattat għal dan il-għan minħabba nuqqas ta' privatezza. Is-Sindku ser jiċċekkja.

v Rigward l-ittri li ntbgħatu lill-Kuntrattur dwar id-diskrepanzi li nstabu fil-kontijiet ppreżentati għal servizz ta' konkos u kif ukoll ta' skips u bins on wheels, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur in kwistjoni s'issa rrisponda permezz tal-avukat tiegħu biss rigward il-konkos. Is-Sindku qara l-ittra li rċevejna. Diskepanzi fit-tenders ta' Skips u Concrete

Il-Kunsill qabel li għandna nwieġbu għal din l-ittra permezz tal-Avukat tal-Kunsill.

vi Is-Sindku qal li jidher li din l-inizjattiva ntlaqgħet b'mod pożittiv miż-żewġ Kunsilli ġirien dawk ta' Raħal Ġdid u Fgura. Is-Sindku kompla jispjega li ser jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur sabiex jibgħatilna draft sample tal-boroż. Doggy bags

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' Pagamenti

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha. Il-Viċi Sindku talab kjarifika dwar pagament elenkat f'din l-istess Skeda. Sakemm isiru l-kjarifiċi neċessarji, dan il-pagament ser jiġi kkanċellat minn din l-Iskeda ta' Pagamenti.

ii. Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4. Tenders:-

Tenders

*I.* ***Aġġudikar***

*II.* ***Sejħa għall-offerta għal Tenders***

i Aġġudikar ta' Tenders:

**a) Collection of Bulky refuse**

Bulky Refuse

Minn dan id-dokument inxtraw 6 kopji tad-dokument filwaqt li ntefgħu biss 5 sal-ħin u data tal-għeluq hekk kif indikat fi SKEDA 'A' mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Hekk kif jirriżulta minn din l-Iskeda, l-irħas offerta hija dik ta' CHRISTOPHER VELLA għall-valur ta' €2.25 per household. Is-Sindku qal li mart dan il-kuntrattur ċemplitlu sabiex tivverifika jekk din l-offerta hix ser tingħata lilhom peress li huma għad iridu jixtru l-van kif ukoll tapplika għall-permessi kollha neċessarji.

Il-Kunsill qabel unanimament li jekk CHRISTOPHER VELLA fi żmien għaxart ijiem minn meta tintbgħatlu l-Ittra ta' Aċċettazjoni, ma jippreżentax dawk id-dokumenti kif ukoll il-permessi kollha meħtieġa hekk kif titlob il-liġi, awtomatikament l-għażla tiegħu taqa' u minflokk il-Kunsill jibgħat għall-kuntrattur bit-tieni l-irħas offerta jiġifieri JIMMY MUSCAT. Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jibgħat l-ittri.

**b) Cleaning & Attendance of Public Convenience**

Public Convenience

Minn dan id-dokument inxtraw 14-il kopja filwaqt li ntefgħu biss 12 sal-ħin u d-data tal-għeluq hekk kif indikat fi SKEDA 'B' mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Saret diskussjoni fit-tul jekk dan il-kuntratt għandux jingħata "ATTENDED" jew "UNATTENDED".

Il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel għażla tkun li mmorru għal "ATTENDED" u nibgħatu l-ewwel għall-GENEROSO GRIMA u nitolbuh jispjega l-offerta tiegħu kif mitfugħa fil-każ jekk dan ma jkunx konformi hekk kif titlob il-liġi, awtomatikament l-għażla tiegħu taqa' u minflokk il-Kunsill jmur għat-tieni l-irħas offerta mitfugħa jiġifieri dik ta' "MS M.C. GATT" Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jibgħat għal dawn iż-żewġ persuni.

**c) Provision of Open Skips and Skips on Wheels**

Open Skips & Skips on Wheels

Minn dan id-dokument inxtraw 9 kopji filwaqt li ntefgħu biss 8 sal-ħin u d-data tal-għeluq hekk kif indikat fi SKEDA 'C' mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Saret diskussjoni fuq liema qisien ta' skips il-Kunsill għandu jagħżel. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-qies ta' skip li l-iktar niġu bżonn huwa dak ta' open skips. Peress li f'dan il-każ l-irħas offerta hija dik ta' JOSEPHINE DIMECH u din il-Kuntrattur ikkwotat diversi qisien u diversi rati, il-Kunsill qabel unanimament li s-Seg. Eżek. jibgħat għas-Sinjura JOSEPHINE DIMECH u jiċċara magħha l-prezzijiet u l-qisien mitfugħa fl-offerta tagħha. Fil-każ li s-Sinjura JOSEPHINE DIMECH ma taċċettax il-Kunsill jmur għat-tieni l-irħas offerta mitfugħa jiġifieri dik ta' SALVU MIFSUD. Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jibgħat għal din il-kuntrattur.

ii Sejħa għall-offerta għal Tenders

Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li :

a) ħarġet sejħa għall-offerta għall-iStampar tal-Fuljett tal-Kunsill. Din l-offerta ser tibqa' miftugħa sa' 2 ta' Diċembru 2013;
b) Rigward it-tender tal-Insurance kellu laqgħa mal-Kuntrattur preżenti fejn miegħu tkellem u spjegalu x'hemm bżonn isir sabiex il-Kunsill jiġi konformi mal-Accounts;
c) Ser issir laqgħa mal-Kuntrattur attwali tal-Ġonna sabiex din it-tender toħroġ ukoll

ii.i Il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. lista tat-tenders kollha li għandu l-Kunsill. Is-Seg. Eżek.

għaddielu kopja bid-dettalji mitluba. Il-Viċi Sindku rrimarka li diversi tenders skadew kif ukoll hemm oħrajn li l-Garanzija Bankarja trid tiġi mġedda għax ukoll skadiet. Il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. biex jagħmel kuntatt mal-kuntratturi sabiex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom u jekk sa laqgħa oħra tal-Kunsill dawn il-Garanziji Bankarji ma jkunux mġedda u/jew ma jiġux ippreżentati, ser jitlob uffiċjalment li l-kuntratti relatati jiġu mwaqqfa. Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jikteb lill-Kuntratturi sabiex jagħrfu jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom.

ii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser noħorġu Espressjoni ta' Interess għall-Ko-ordinatur għall-proġetti tal-UE. Is-Seg. Eżek. spjega li dan il-ko-ordinatur jitħallas mill-proġett inniffsu ladarba jkun irnexxielu jġib fondi mill-UE.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ din l-espressjoni ta' Interess.

## 5 Five Aside Ground

5 aside ground

i Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Seg. Eżek. kif ukoll mas-Sinj Galea kellhom laqgħa mas-Sur Tony Cassar ta' Cassar Ship Repair rigward il-5 a-side ground. Is-Sindku spjega li din il-laqgħa saret sabiex naraw x'jista' jsir biex dan il-ground jerġa' jibda jiffunzjoni. Irriżulta li oriġinarjament ir-Rainbows u Cassar Ship Repair kellhom kull wieħed 25% mill-iqshma filwaqt li l-Kunsill kellu l-50% tal-iqshma. Cassar Ship Repair kien xtara l-25% tal-iqsmha li kellhom ir-Rainbows biex b'hekk bħalissa l-iqsmha huma 50% għall-Kunsill u 50% għall-Cassar Ship Repair. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-isqmha qatt ma setgħu jkunu indaqs għaliex saħansitra l-art tal-ground ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali. Is-Seg. Eżek. ser jivverifika u jirraporta f'laqgħa oħra li jmiss.

ii Is-Seg. Eżek. kompla jgħid li waqt din l-istess laqgħa sar ukoll qbil li l-Audited Accounts isiru kull sena u mhux kull sitt xhur. Is-Seg. Eżek. ser jagħmel dan il-ftehim bil-miktub u jibgħatu lis-Sur Tony Cassar għall-approvazzjoni u firma tiegħu.

## 6 Anzjan Tarxiniż 2013

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jissuġġerixxi li din is-sena dan il-premju ma jingħatax f'Diċembru, imma minflokk bejn wieħed u ieħor għall-Marzu 2014 isir Jum il-Premjazzjoni fejn l-unuri u premjazzjonijiet jingħataw kollha f'jum wieħed.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 7 Proposti għall-Attivitajiet għal Żmien il-Milied

Is-Sindku qed jipproponi li :

a) Fil-21 ta' Diċembru 2013 jiġi organizzat il-Villaġġ tal-Milied. Għal din l-attivita' qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jivvota €2000 bħala kontribut għall-parti mill-ispejjeż involuti. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita' u li jitħallsu sa €2000 mill-ispejjeż;
b) Il-Ħadd 22 ta' Diċembru jsir it-tqassim ta' rigali lit-tfal fid-djar minn Father Christmas. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta;
c) Fid-29 ta' Diċembru 2013 ikollna "open day" fil-Kunsill fejn ir-residenti jistgħu jiġu biex jaraw mil-qrib l-operat tal-Kunsill kif ukoll jkun hemm skambju ta awguri bejn il-Kunsill u l-istess residenti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta;
d) It-Tnejn 30 ta' Diċembru 2013 ser issir attivita' għall-anzjani kollha fil-Gondolier Hall. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita';
e) Il-ħarġa tal-fuljett li jmiss ser tkun ukoll għal żmien il-Milied;
f) Din is-sena minflok kartolini ser jintbagħtu emails. Il-Kunsill qabel.

6 **Rapport tal-Kunsillieri**

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li ħarġu l-avviżi għall-korsijiet tal-Artiġġjanat bħal parċmina, ganutell, ħjata u beading.

ii Is-Sur Agius qal bħalissa l-Kunsill qed jilqa' applikazzjonijiet għal żewġ korsijiet tal-kompjuter dawk għall-adulti fuq livell ta' Beginners u ieħor tal- ECDL organizzati mit-TCTC.

iii Ser jattendi għal-laqgħa oħra tal-Oratorju fit-30/10/13.

iv Is-Sur Agius qal li l-ħarġiet kulturali ma' l-Għaqda Ħal Tarxien maż-Żmenijiet, qed jipproponu forsi ssir fit-13 ta' Diċembru 2013, pero għadu xej mhu kkonfermat.

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

Is-Sindku qara xi punti mgħoddijja lilu mis-Sur Darmanin.

i Il-lezzjonijiet taz-ZUMBA ser jiġu posposti għas-sena d-dieħla. Dawn ser jibdew f'April u jibqgħu għaddejjin tul Mejju wkoll. Il-prezz maqbul mat-tutor huwa ta' €350 u jsiru 7 lezzjonijiet. Irridu nagħtu €50 kapparra.

ii Il-lezzjonijiet ta' l-Aerobics ser jitkomplew f'Jannar u jibqgħu għaddejjin sa Marzu. Il-prezz maqbul huwa ta' €240.

iii Il-laqgħa' għar-residenti flimkien mal-Ispettur tal-pulizija s-sur Joseph Mercieca saret nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru 2013 fis-6.30pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

iv Rigward l-istickers tan-Neighbourhood Watch, Is-Seg. Eżek. qal li ser jirraporta lura lis-Sur Darmanin ladarba jkollu risposta.

v Il-flus li kellhom jieħdu lura l-parteċipanti tal-Youth Exchange fl-Ingilterrra, issa ħaduhom lura.

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li l-attivita' soċjali tal-24 t'Ottubru 2013 fil-Peristyle kienet suċċess u kellha attendenza sabiħa

ii Fl-14 ta' Novembru ser torganizza attivita' soċjali oħra l-Imġarr għand Tal-Barri restaurant.

iii Is-Sinj. Vella qalet ukoll li ser torganizza buffet lunch fi 12 ta' Diċembru 2013 fis-Soreda Hotel.

**Ħwejjeġ Oħra**

i Rigward l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ għall-VOT 16, is-Seg. Eżek. ser ikellem il-kunsillier responsabbli miż-Żgħażagħ sabiex jkellem l-għaqdiet u jikkordina magħhom dwar dan. Ladarba jintgħażel iż-żagħżugħ, il-Kunsill irid jiltaqa' b'urġenza sabiex japprova din il-persuna.

ii Is-Sindku qal li biex nippruvaw inrażnu li ma jintefax żibel f'zoni u f'ħinijiet mhux permessi, qed jissuġerixxi li npoġġu camera għal sorveljanza ta' dawn iz-zoni. L-ispiża ta' din il-camera hija ta' madwar €400.

ii.i Il-Viċi Sindku qal li biex din il-camera nkunu nistgħu nagħmluha, irridu nagħmlu tabelli li jindikaw li ż-zona hija mgħassa b'cameras 24 siegħa kuljum.

ii.ii Il-Kunsill qabel li nixtru din il-camera u li nwaħħlu tabelli kull fejn ser titpoġġa.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li tħallsu l-ispejjeż kollha tal-Attivita' ta' Tarxien Dance Festival kien fadal is-somma ta' €950. Din is-somma sabiħa ser tingħata bħala donazzjoni lill-Puttinu Cares. Ser isir kuntatt ma' din l-għaqda sabiex jibgħatu rappreżentant fl-uffiċini tagħna sabiex tingħatalhom din id-donazzjoni.

Il-Kunsill qabel.

iv Is-Sindku ssuġġerixxa li fix-xahar ta' Diċembru ssir Car Wash bil-koperazzjoni tal-għaqdiet tar-raħal u li l-qligħ minnha jmur għal Community Chest Fund. Imbagħad l-għada tal-Milied il-Kunsill flimkien mal-għaqdiet immorru fil-programm l-istrina u noffru d-donazzjoni miġbura hemmhekk.

Il-Kunsill qabel ma' dan.

v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna mingħand il-korporazzjoni Enemalta li l-*floodlights* fi Pjazza Agatha Barbara ġew approvati filwaqt li t-talba għal bozza ġdida fi Triq l-Annunzjata ma ġietx approvata.

vi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-road hump li hemm fi Triq Xintill ġiet approvata mit-TM li titneħħa. Is-Sindku qal li f'dan ir-rigward qed jissuġġerixxi li jinħoloq passaġġ dejjaq minn mal-ħajt ta' kemm tgħaddi persuna waħda billi jsiru xi bollards puliti per eżempju bħalma hemm f'xi zoni fil-Belt Valletta.

vi.i Il-Kunsill qabel li s-Sindku jmexxi bil-proposta għal *traffic management* għal dik l-area.

vii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-MCCAA bgħatulna rapport fuq d-diversi playing fields li għandna fir-raħal fosthom il-bandli ta' Santa Marija. Dawn jinħtieġilhom xi manutenzjoni. Is-Sindku qal li mar fuq il-post mal-kuntrattur tal-kunsill sabiex jindikalna x'hemm bżonn li jsir. L-ispiża biex issir il-manutenzjoni meħtieġa fil-bandli ta' Santa Marija hija ta' €1769.50.

Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol.

8 **<u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fil-5.00pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**